# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2025**

**Numru: 25**
**Rikors numru: 33/2024/1 MH**

**Margaret Pace**

**v.**

**Joseph magħruf ukoll bħala Joseph Michael Pace**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza deċiża wara proċediment sommarju speċjali li ordnat lill-konvenut jiżgombra minn fond li jokkupa bla titlu.

2. L-Ewwel Qorti għamlet dan is-sunt tal-provi ppreżentati lilha:

"Ir-rikorrenti n suċċint xehdet dwar l-inkwiet li kien jaqla' binha l-konvenut, li kellha s-sostnih bil-flus għax ma kienx żżomm xogħol ukoll anke ġieli qabel u telaq mid-dar u mar l-Ingilterra wara li kellha tissellef biex ġabitu lura mill- Awstralja għax ma bediex iġib ruħu sew. Hawn kellha tħallas ukoll kontijiet tad- dawl pendenti. Tgħid li binha dejjem taparsi ma jiflaħx, dejjem rieqed.

Tixhed dwar l-ammont ta' flus li kien tagħtih mix-xogħol tagħha ta' helper, ukoll li kienet tħallaslu flejjes għal korsijiet li kien jibda għal ftit u qatt ma jkompli.

Tixhed li hu qatt ma żamm impjieg fis, dwar id-diffikultà' li kellha bih biex tgħix ġo darha, l-imbarazz u li storbju li kienet qed tgħix fih kaġun ta' binha u ta' dan eżebit album tar-ritratti animo ritirandi3, ukoll theddid li sar fil-konfront tagħha u ta' dan esibit sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija kontra l-istess imputat a detriment t' ommu l-attriċi, Dok MP folio 41.

Tinsisti li binha kien jitlobha u dejjem irid il-flus. Ukoll li hi kienet taħdem man-nies bħala helper u ma kellhiex minn fejn għal dan.

Tgħid li meta miet żewġha hi ma felħitux aktar lil binha u talbitu jitlaq mid-dar. Ried sehmu mill-wirt tal-missier. Tgħid li m'għandhiex minn fejn tagħtih xejn. Riedha tbiegħ id-dar li ġiet imħollija lilha bħala legat, isaqsi allura hi fejn sejra toqgħod? Lanqas irid li ssir il-causa mortis.

Tgħid li binha jorqod fil-kamra tagħha u hi fuq is-sufan. Tgħid li minħabba binha ġieli ċemplet l-appoġġ.

Tinnega li binha ħa ħsieb lil missieru, anżi tinsisti li binha ħadlu kollox. Tikkonferma pero lil missier anke xtara arloġġ Rolex lil binha. Għaliha biex jeħles minnu.

Tgħid ukoll li binha kien anke jagħlaq l-ilma bl-ispanner u jiddependu fuqu biex jiftaħ l-istess biex jinħasslu.

Ġie esebit ukoll it-testment Dok MP34.

Da parti tiegħu l-konvenut jixhed5 li kienet ommu li kienet titraskura u taħqar lil missier u hu da parti tiegħu kien jieħu ħsiebu speċjalment fejn tidħol dieta għax kien diabetiku. Li meta ġie lura mill-Awstralja hu kellu impieg għal xi żmien, ukoll li kien qed ikompli l-istudji. Pero mistoqsi mill-Qorti xi kwalifiki kellu jwieġeb O level wieħed fl-inġliż, ukoll konoxxenza ta' I.T. skills u li għamel xi taħrig ta' kitchen back up. Igħid ukoll lil missier kien tah Rolex bħala ringrazzjament. Igħid li hu kien ħaqqu sehmu mill-wirt ta' missieru. Jinsisti li jrid il-porżjon riservat.

Jixhed ukoll li meta ma kienx jaħdem kien jieħu ħsieb lil missieru li kien traskurat minn ommu."

3. Kronoloġikament, il-proċess quddiem l-Ewwel Qorti svolġa kif ġej:

| | |
|---|---|
| 15.01.2024 | Preżentata tar-rikors ġuramentat |
| 31.01.2024 | Inżammet l-ewwel seduta. Il-konvenut ma kienx notifikat u ġiet ordnata n-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni. |
| 28.02.2024 | Kawża ġiet differita għad-19.06.2024 għall-iskop tal-verbal preċedenti. |
| 11.03.2023 | Konvenut ġie notifikat personalment. |
| 19.06.2024 | Dehru l-partijiet assistiti mill-avukati tagħhom. Differita għall-24.06.2024 biex il-partijiet jirregolaw ruħhom. |
| 24.06.2024 | Dehru l-partijiet assistiti. Xehdu l-attriċi u l-konvenut. Il-konvenut oppona għall-proċedura bil-giljottina billi ġie notifikat fil-11.03.2024. Il-kawża ġiet appuntata għad-19.06.2024 u għalhekk ma saritx bejn 15 u 30 jum. Ma kinitx saret immissjoni fil-pussess u għalhekk l-attriċi ma kellhiex il-pussess legali tal-fond. Il-konvenut kellu s-sehem riżervat. L-attriċi wieġbet li n-nuqqas t'osservanza tat-termini ma twaqqax il-giljottina. Il-konvenut ma ġabx l-inqas prova ta' titlu fuq il-fond. Kawża ġiet differita għat-trattazzjoni għas-26 ta' Ġunju 2024. |
| 24.06.2024 | L-avukati ttrattaw il-każ. Kawża ġiet differita għas-sentenza. |
| 12.07.2024 | Il-kawża ġiet deċiża. |

4. Dwar il-validità tal-proċedura bil-giljottina minkejja li ma ġewx imħarsa t-termini relattivi, l-Ewwel Qorti ċċitat żewġ sentenzi ta' din il-Qorti – **Noel Muscat v Helen Ciantar** deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021 ippreseduta mill-Onor. Imħ. Giannino Caruana Demajo u **NC Dorian Dalli**

**v Portem Tourism Ventures Limited** mogħtija minn din il-Qorti kif preżentement ippreseduta fit-8 ta' Jannar 2024 u rraġunat li:

"Huwa ċar minn dan l-insenjament allura lli l-pern hawn hu jekk il-konvenut ġiex b'xi mod preġudikat a prexxindere mit-termini imsemmija.

Huwa ovvju lit-termini stabbiliti f'din il-proċedura huma intiżi biex jassiguraw il-ħeffa tas-smiegħ, taħt is-solenita' tal-ġurament tar-rikorrenti, għax għalhekk hija ntiża din l-eċċezzjoni għas-smiegħ normali ta' kawża, fejn allura il-konvenut jekk tirriżulta t-talba hu priv minn difiża.

Darba lil Qorti tassigura lil konvenut mhux biss deher, iżda ikkontesta dawn il- proċeduri, ħa l-pedana, u kien debitament assistit, ma tarax lit-termini għandhom jinpingu fuq il-kontinwazzjoni ta' din il-proċedura sommarja. Xejn ma jirriżulta li kien ta' preġudizzju għal konvenut a prexxindere mit-termini. Konsegwentement isib li dan l-argument m'għandux mis-sewwa."

5. Dwar id-difiża tal-konvenut irraġunat hekk:

"L-argument tal-konvenut kontra dan huwa l-fatt li għalkemm jikkonċedi li l- attriċi rikorrenti ġiet imħollija d-dar fejn tgħix b'legat bil-wirt ta' żewġħa, allura missieru, la s'issa għadu ma sarx l-immissjoni fil-pussess ta' dan il-legat, hi ma tgawdi ebda dritt jew titlu fuq l-istess propjeta' li tagħtiha l jedd li tixpruna din it- talba.

Anke hawn l-Qorti tħoss li din id-difiza tfalli.

Il-ġurisprudenza tgħallem fid-deċiżjoni **Mario u Jennifer mizzewgin Testa v.Rose Marie Testa**8[1] illi:-

-"12. Din il-Qorti tosserva li l-vertenza odjerna tinsab regolata b' dak li jghidu l-Artikoli 721 u 726 tal-Kodici Civili, u cioe` li l-proprjeta` ta' legat pur u semplici, bhalma huwa dak in ezami, jghaddi ghand il-legatarju mal-mewt tat- testatur, u li l-legatarju ghandu jitlob il-pussess tal-legat minghand l-eredi.

13. Kif ritenut fil-gurisprudenza l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" tal-istitut kollu. Mal-mewt tat-testatur il-proprjeta` tal-legat pur u semplici tghaddi ghand il-legatarju li minn dak il-mument jiskatta d-dritt tieghu li jikkonsegwixxi l-pussess ta' dak il-legat mill-eredi.9[2]

---

11 [1] 18 ta' Lulju, 2014 Appell Ċivili Numru. 246/2009/1

[2] Ara fost oħrajn: PA [TM] **Rev.Franġisk Azzopardi v. Hilda Cauchi,** 14/10/2004;

> "Il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jrcevi l- haga mhollija lilu b'legat.
>
> "Waqt li hu minnu li l-ligi taghti d-dritt lil-legatarju li jigi immess fil-pussess tal- oggett lilu mholli b'legat, dan il-jedd ma jistax jigi interpretat li jfisser li l- proprjeta' ta' dak l-oggett ma tkunx ghaddiet fil-persuna tal-legatarju fil-mument tal-mewt, jew li sakemm issir l-immissjoni fil-pussess, l-oggett legat jibqa' proprjeta' tat-testaturi jew l-aventi kawza minnhom.
>
> "Din l-immissjoni fil-pussess ghandha principalment l-iskop li tistabilixxi defenittivament illi l-legatarju accetta l-legat lilu mholli .... Fil-gurisprudenza l- importanza u l-portata ta' din l-immissjoni hija enfatika u pacifika ...."10[3]

Ċar minn dan illi l-argument tal-konvenut li ommu m'għandhiex titlu fuq il- propjeta' in kwantu għada mhux imesssa fil-pussess jfalli. Anzi huwa hu li m'għandu ebda jedd li jgħix f'dar li llum tappartjeni biss u umikament lil ommu mħollija lilha b'legat.

Jekk għandu vertenzi fuq il-wirt ta' missieru dan mhux il-forum li jindirizza dan."

6. Bis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li:

"(1) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikolu 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

(2) Tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-fond 14 u 16, Triq il-Ġdida, Ħal-Qormi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u

(3) Tordna u tikkundanna lil konvenut jiżgombra u jħalli battal l-fond 14 u 16, Triq il-Ġdida, Ħal Qormi dan fi żmien xahar minn din il-ġudikat ta' din is-sentenza,

(4) Tilqa' anke r-raba' talba u tawtorizza li fil-każ ta' nuqqas t' ubbidjenza tat-tielet talba, l-attriċi tista' tgħaddi biex tbiddel is- serratura tal-fond indikat u tbattal l-istess mill-affarijiet appartenenti lil konvenut.

(5) Bl-ispejjeż għall-konvenut."

5. Il-konvenut appella mis-sentenza.

[3] 3 App.Ċiv. **Maurice Busuttil v. Joseph Meli** [1998] Vol.LXXXII.II.674.

6. **L-ewwel aggravju** hu li l-proċedura ma setgħetx issir bil-proċediment sommarju speċjali, billi huwa ġie mħarrek biex jidher iktar tard minn 30 jum minn meta ġie notifikat. Iċċita favurih diversi sentenzi.

7. Il-proċedura sommarja speċjali, hija popolarment magħrufa fil-foro bħala "tal-giljottina". Laqam li sfortunatament jagħtiha l-konnotazzjoni negattiva ta' proċess ta' iġri u ġerri b'konklużjoni fatali għall-konvenut bħalma kien jiġri fir-rivoluzzjoni Franċiża. Din il-proċedura ma kinitx teżisti fit-test oriġinali tal-Ordinanza IV tal-1854. Ironikament, l-oriġini tagħha mhuwiex ġej mil-liġi Franċiża, iżda mil-liġi Ingliża. L-għan tagħha ma kienx li tqaċċat l-irjus, imma li taġevola lin-negozjanti. F'Awwissu 1911, tqabbdet kummissjoni sabiex tirrapporta dwar il-finanzi, l-ekonomija, u l-proċedura ġudizzjarja ta' Malta. F'Mejju 1912, din ippreżentat ir-rapport tagħha liż-żewġ kmamar tal-parlament Ingliż. F'paragrafu 234 tar-rapport, jingħad hekk:

> "Again, there appears to be no procedure in Malta for the speedy enforcement of practically undisputed debts, and we think it would be advantageous, especially to business men, if a procedure on the lines of the English "Order XIV procedure", was introduced. Under that procedure the plaintiff files an affidavit swearing to his debt, and, unless the defendant within four clear days shows on oath that he has a *prima facie* defence to the claim, judgment is given forthwith. Leave to defend may be conditional or unconditional. When the judge feels doubt about the merits of the defence put forward he often gives leave to defend upon the terms that the sum in dispute shall be paid into court, so that if the defence eventually fails the plaintiff is sure of his money."

8. B'riżultat ta' din l-inizjattiva, l-Att XV tal-1913 (Art.52) introduċa l-Art. 188 sa 191 (illum 167 sa 170 tal-Kap. 12).

9. Oriġinarjament il-liġi tagħna kienet tgħid li:

> "la citazione sara` noticata al convenuto entro due giorni utili; ed egli potra` essere ingiunto a comparire da giorno in giorno, e in verun caso oltre due giorni utili dalla notifica della citazione, se il convenuto risieda nella stessa isola in cui ha sede la Corte innanzi alla quale la causa e` proposta, e quattro giorni, se l'isola e`d"iversa.[4]"

10. Ġie deċiż minn din il-Qorti li t-termini imposti bl-Art. 190 tal-Ordinanza riedu jiġu segwiti *ad unguem* u f'każ ta' nuqqas il-proċedura sommarja speċjali tispiċċa u tiġi segwita l-proċedura ordinarja. Sentenza mogħtija bi ksur tat-termini kienet tiġi ddikjarata nulla.[5]

11. Il-liġi ma nbidlitx sakemm ġie sostitwit permezz tal-Att XXIV tal-1995 (Art. 78), li llum jaqra hekk:

> "169. Fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 167, ir-rikors ġuramentat għandu jkun notifikat lill-konvenut mingħajr dewmien; u huwa għandu jiġi mħarrek biex jidher mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika:
>
> Iżda fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-qorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali iżda, għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux preġudikati."

12. Id-differenza hi li **n-notifika** għandha ssir mingħajr dewmien minflok fi żmien jumejn tax-xogħol; minflok jiġi mħarrek biex jidher mhux iktar tard minn jumejn wara li jiġi notifikat, jiġi mħarrek biex jidher mhux

---

[4] Art. 190 tal-Ordinanza; li eventwalment ġie ri-enumerat bħala Art. 169 tal-Kap. 12.

[5] **Dr Joseph Schembri v Joseph Said** 23.01.1985 (Appell Ċivili); **John Ellul v Emanuel Ellul** 18.03.1987 (Appell Kummerċjali) fejn il-kawża ġiet appuntata wara li għaddew jumejn tax-xogħol wara n-notifika; **Saviour Cachia v Boris Archidiacono** 06.04.1987 (Appell Kummerċjali) fejn in-notifika saret ferm wara jumejn tax-xogħol.

inqas minn 15-il jum iżda mhux iktar minn 30 jum wara. Qabel l-emendi, ma kien hemm l-ebda minimu ta' żmien għall-konvenut biex jidher wara li jiġi notifikat; issa hemm minimu ta' 15-il jum. Filwaqt li l-massimu kien ta' jumejn wara n-notifika, issa hemm massimu ta' 30 jum. Il-minimu (li qabel ma kienx jeżisti) jaġevola lill-konvenut, biex ikollu l-opportunità jiddefendi ruħu. Il-massimu ta' 30 jum jaġevola lill-attur. Barra minn hekk, il-leġislatur ried li n-nuqqas ta' tħaris tat-termini ma jġibx fix-xejn il-proċedura sommarja speċjali u għalhekk introduċa l-*proviso*, intiż biex il-Qorti tista' tkun flessibbli sakemm ma jiġix mittiefes id-dritt tad-difiża tal-konvenut. Dan sabiex il-proċedura ma tinġiebx fix-xejn a detriment tal-attur filwaqt li jibqa' jiġi mħares id-dritt tal-konvenut li jiddefendu ruħu.

13. Anke wara l-emenda tal-1995, din il-Qorti, diversament komposta, tat sentenzi li fihom irriteniet li t-termini għandhom jiġu mħarsa. Hekk **Miller v Zammit** (iċċitata mill-appellant) iddikjarat nulla proċedura sommarja speċjali billi l-konvenut ġie notifikat fit-2 ta' Ġunju 1999 u l-ewwel ġie mħarrek biex jidher qabel il-15-il jum imbagħad deher fid-9 ta' Lulju 1999 meta kienu għaddew it-30 jum min-notifika. Il-Qorti qalet li "l-proċeduri sommarji huma l-eċċezzjoni u għalhekk id-disposizzjonijiet relattivi kontemplati fil-liġi għandhom jiġu osservati bir-reqqa".[6] Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, in re: **Tabone v Orsini** għamlet riferenza għal **Miller v Zammit** u segwiet l-istess linja ta' ħsieb.[7]

---

[6] Miller Distributors Limited v Ignatius Zammit 28.06.2001 Qorti tal-Appell (Superjuri).
[7] **Victoria Tabone v Daniel Orsini** 24.10.2016 Prim'Awla (mhux appellata).

14. B'danakollu, il-ġurisprudenza iktar ixxaqleb lejn il-preservazzjoni tal-azzjoni sommarja speċjali.

15. Dan għamlitu mhux meta s-smigħ isir wara t-30 jum - bħal ma kien il-każ in re: **Banif Bank v Debono** u in re: **Dalli v Portem Tourism T.A.L. Limited v Balzan**.[8] Fl-ewwel sentenza, il-Qorti rrimarkat dan it-terminu **huwa fl-interess tal-attur, biex ma jkollux jistenna aktar minn hekk biex jikseb sentenza jekk il-konvenut tassew ma jkollux eċċezzjonijiet xi jressaq. Ikun assurd jekk issa l-attur ikompli jiġi ppenalizzat billi jitlef ukoll il-benefiċċju tal-proċedura sommarja speċjali, ladarba jekk kien hemm preġudizzju dan batieh l-attur u mhux il-konvenuti. Fit-tieni sentenza, il-Qorti** ma sabet ebda preġudizzju għall-konvenut anzi dan il-fatt kien favur, u mhux kontra tiegħu billi rebaħ iktar żmien biex iħejji d-difiża tiegħu.

16. Il-ġurisprudenza salvat il-proċediment sommarju speċjali saħansitra meta nżamm qabel il-15-il jum – bħalma kien il-kaz in re: **Valentino v Cassar**,[9] **Muscat v Ciantar** – li fiha l-konvenut deher iżda ma pprotestax li ma kellux opportunità jiddefendi ruħu;[10] **B &B Property v Barun**;**[11]** **Vella Moran v Abela;[12]** u **T.A.L. Ltd v Balzan.[13]**

---

[8] **Banif Bank (Malta) plc v Pierre Debono** 25.02.2021 u **Dorian Dalli v Portem Tourism Ventures Limited** 08.01.2024 it-tnejn mill-Qorti tal-Appell (Superjuri).
[9] **T.A.L. Limited v Alfred Balzan** 30.05.2008 u **Mario Valentino v Anthony Cassar** 30.10.2009 it-tnejn mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri).
[10] **Emanuel Muscat v Helen Ciantar** 24.06.2021 Qorti tal-Appell (Superjuri).
[11] ***B&B Property Development Co. Ltd vs. Paul Barun*** 24.06.2021 Qorti tal-Appell (Superjuri)
[12] **Pauline Vella Moran v Paul Abela** 30.05.2008 Qorti tal-Appell (Superjuri).
[13] **T.A.L. Limited v Alfred Balzan** 30.05.2008 Qorti tal-Appell (Superjuri).

17. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala, fil-każ preżenti, m'għandhiex tħares id-dispożizzjoni tal-*proviso* għall-Art. 169, li jipprovdi li minkejja nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali. Dan tenut kont tal-fatt li s-smigħ tal-kawża sar wara t-30 jum seta' kien ta' preġudizzju għall-attriċi, mhux għall-konvenut.

18. Għalhekk sewwa kkunsidrat l-Ewwel Qorti li:

> "Huwa ċar minn dan l-insenjament allura lli l-pern hawn hu jekk il-konvenut ġiex b'xi mod preġudikat a prexxindere mit-termini imsemmija.
>
> Huwa ovvju lit-termini stabbiliti f'din il-proċedura huma intiżi biex jassiguraw il-ħeffa tas-smiegħ, taħt is-solenita' tal-ġurament tar-rikorrenti, għax għalhekk hija ntiża din l-eċċezzjoni għas-smiegħ normali ta' kawża, fejn allura il-konvenut jekk tirriżulta t-talba hu priv minn difiża.
>
> Darba lil Qorti tassigura lil konvenut mhux biss deher, iżda ikkontesta dawn il- proċeduri, ħa l-pedana, u kien debitament assistit, ma tarax lit-termini għandhom jinpingu fuq il-kontinwazzjoni ta' din il-proċedura sommarja. Xejn ma jirriżulta li kien ta' preġudizzju għal konvenut a prexxindere mit-termini. Konsegwentement isib li dan l-argument m'għandux mis-sewwa."

19. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

20. **It-tieni aggravju** huwa li l-Ewwel Qorti messha sabet li kellu eċċezzjonijiet validi xi jressaq u għalhekk tipproċedi bil-proċedura normali. Dawn huma li (i) bħala werriet ta' missieru għandu l-pussess legali tal-fond; ma saritx l-immissjoni fil-pussess tal-fond favur l-attriċi u (ii) għandu favurih il-porzjon riżervat.

21. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kien hekk:

"L-argument tal-konvenut kontra dan huwa l-fatt li għalkemm jikkonċedi li l- attriċi rikorrenti ġiet imħollija d-dar fejn tgħix b'legat bil-wirt ta' żewġha, allura missieru, la s'issa għadu ma sarx l-immissjoni fil-pussess ta' dan il-legat, hi ma tgawdi ebda dritt jew titlu fuq l-istess propjeta' li tagħtiha l-jedd li tixpruna din it- talba.

Anke hawn l-Qorti tħoss li din id-difiza tfalli.

Il-ġurisprudenza tgħallem fid-deċiżjoni **Mario u Jennifer mizzewgin Testa v.Rose Marie Testa**[14] illi:-

-"12. Din il-Qorti tosserva li l-vertenza odjerna tinsab regolata b' dak li jghidu l-Artikoli 721 u 726 tal-Kodici Civili, u cioe` li l-proprjeta` ta' legat pur u semplici, bhalma huwa dak in ezami, jghaddi ghand il-legatarju mal-mewt tat- testatur, u li l-legatarju ghandu jitlob il-pussess tal-legat minghand l-eredi.

13. Kif ritenut fil-gurisprudenza l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" tal-istitut kollu. Mal-mewt tat-testatur il-proprjeta` tal-legat pur u semplici tghaddi ghand il-legatarju li minn dak il-mument jiskatta d-dritt tieghu li jikkonsegwixxi l-pussess ta' dak il-legat mill-eredi.[15]

"Il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jrcevi l- haga mhollija lilu b'legat.

"Waqt li hu minnu li l-ligi taghti d-dritt lil-legatarju li jigi immess fil-pussess tal- oggett lilu mholli b'legat, dan il-jedd ma jistax jigi interpretat li jfisser li l- proprjeta' ta' dak l-oggett ma tkunx ghaddiet fil-persuna tal-legatarju fil-mument tal-mewt, jew li sakemm issir l-immissjoni fil-pussess, l-oggett legat jibqa' proprjeta' tat-testaturi jew l-aventi kawza minnhom.

"Din l-immissjoni fil-pussess ghandha principalment l-iskop li tistabilixxi defenittivament illi l-legatarju accetta l-legat lilu mholli .... Fil-gurisprudenza l- importanza u l-portata ta' din l-immissjoni hija enfatika u pacifika ...."[16]

Ċar minn dan illi l-argument tal-konvenut li ommu m'għandhiex titlu fuq il-propjeta' in kwantu għada mhux imesssa fil-pussess jfalli. Anzi huwa hu lim'għandu ebda jedd li jgħix f'dar li llum tappartjeni biss u umikament lil ommu mħollija lilha b'legat."

[14] 18 ta' Lulju, 2014 Appell Ċivili Numru. 246/2009/1
[15] Ara fost oħrajn: PA [TM**] Rev.Franġisk Azzopardi v. Hilda Cauchi**, 14/10/2004;
[16] App.Ċiv. **Maurice Busuttil v. Joseph Meli** [1998] Vol.LXXXII.II.674.

22. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti. Iżżid tgħid li apparti li hija għandha titlu bħala legatarja, hija għandha dritt t'abitazzjoni *a tenur* tal-Art. 633 tal-Kodiċi Ċivili. Barra minn hekk, l-eċċezzjoni li l-konvenut għandu sehem riżervat hija inkompatibbli mal-pożizzjoni tiegħu li huwa eredi u allura għandu l-pussess tal-fond. Jekk għandu porzjon riżervat, dan bl-ebda mod ma jista' jfisser li għandu xi titlu fuq il-fond *de quo.*

23. It-tieni aggravju huwa wkoll mingħajr bażi.

***Decide***

24. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjez tal-Prim'Istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss